MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta ta' l-24 ta' Lulju, 2012

Numru. 750/2012

**Il-Pulizija**

**(Spettur Mario Cuschieri)**

**Vs**

**Stefanache Dobre**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-Pulizija ressqu taht arrest lil **Stefanache Dobre** ta' nazzjonalita Rumena, imwieled nhar it-3 ta' Marzu, 1998, bin Radian u Lukrezia, detentur tal-Karta ta' Identita` Rumena GL 560068 u tal-Karta ta' l-Identita` Maltija 0061312A, residenti lokalment gewwa San Giljan.

Rat illi, taht ix-*Schengen Information System* mahrug fuq talba tal-Qorti Lokali, f' Galati, fir-Rumanija wara l-hrug ta' Mandat t' Arrest Ewropew mill-istess Qorti, huwa mftittex mill-awtoritajiet kompetenti gudizzjarji tar-Rumanija, pajjiz skedat ai fini ta' l-Artikolu 5 tal-Legislazzjoni sussidjarja 276.05, biex iservi piena ta' tlett snin prigunerija ghar-reati ta' serq aggravate bil-vjolenza, bil-hin u l-mezz *(robber).*

Rat ic-certifikat mahrug mill-Avukat Generali a tenur ta' l-Artikolu 7 tal-LS 276.05 ipprezentat bhala Dok MC1;

Rat l-*Alert* taht ix-*Schengen Information System* ipprezentat bhala Dok MC2;

Rat il-Formoli A u M mahruga mix-*Schengen Information System* ipprezentati rispettivament bhala Dok MC3 u MC4;

Rat il-Karta ta' l-Identita Maltija 0061312A esebita animo ritirandi mill-Prosekuzzjoni u mmarkata Dok MC5;

Rat il-Karta ta' l-Identita Rumena GL 560068 esebita animo ritirandi mill-Prosekuzzjoni u mmarkata Dok MC6;

Rat il-kopja tal-Mandat t' Arrest Ewropew mahrug fit-8 ta' Dicembru, 2011 minn gewwa r-Rumanija bin-numru 78/2011;

Rat illi l-akkuzat, debitament assistit mill-Avukat ta’ l-Ghajnuna Legali, ta’ l-kunsens tieghu ghat-treggigh tieghu lura lejn ir-Rumanija, u dana a tenur ta’ l-Artikolu 43 (1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 276.05;

Rat illi l-akkuzat, fuq talba tal-Qorti, iddikjarat li qed tirrinunzja ghal drittijiet tieghu a tenur ta’ l-Artikolu 43 (3) tal-istess Legislazzjoni Sussidjarja 276.05;

Wara illi rat li, a tenur ta’ l-Artikolu 15 (5) tal-Kap. 276, il-Qorti hija sodisfatta li d-dikjarazzjoni saret b’ mod volontarju;

Wara illi avzat lill-akkuzat illi a tenur ta’ l-Artikolu 16 tal-Kap 276 kif soggett ghall-Artikolu 25 (2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 276.05 illi huwa ghandu sebat ijiem mid-data ta’ l-ordni ta’ kustodja biex jappella lill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali u wkoll, li jekk jidhirlu li xi wahda mid-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 10(1) u (2) tkun giet mikusra jew li xi disposizzjoni tal-Kostituzzjoni ta’ Malta jew ta’ l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea hija, tkun giet jew x’ aktarx tkun se tigi miksura dwar il-persuna taghha hekk li tkun gustifikata rrevoka, l-annullament jew il-modifika ta’ l-ordni ta’ kustodja tal-Qorti, huwa ghandu jedd li jitlob rimedju skond id-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 46 ta’ l-imsemmija Kostituzzjoni jew ta’ l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, skond il-kaz.

Il-Qorti;

A tenur ta’ l-Artikolu 15 (5) tal-Kap 276 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 44 (5) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 276.05 tordna t-treggigh lura ta’ Stefanache Dobre lejn ir-Rumanija.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------